**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 9**
**It-Tlieta, 24 ta' Mejju, 2022 fl-4:00 p.m.**

**SPTAR MATER DEI – DIPARTIMENT TAL-INĠINERIJA – AZZJONIJIET INDUSTRIJALI**

**25. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ilhom għaddejjin l-azzjonijiet industrijali fid-Dipartiment tal-Inġinerija fl-Isptar Mater Dei (data, ġurnata, xahar u sena)? Meta bdew dawn l-azzjonijiet? X'inhi r-raġuni għalfejn bdew dawn l-azzjonijiet?

09/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorr. Interpellant illi l-azzjonijiet industrijali fid-Dipartiment tal-Inġinerija fl-Isptar Mater Dei, ordnati mill-MUMN, ilhom għaddejjin mid-9 ta' Diċembru 2021. Madankollu, l-MUMN mhix il-union li għandha rikonoxximent għall-ħaddiema fit-Technical Class u, allura, il-Management hu obbligat bil-liġi li jiddiskuti mal-union/s rikonoxxuta/i, u hekk qed jiġri.

Seduta 9
24/05/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - SEGRETARJATI**

**26. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista sħiħa tas-Segretarjat tal-Ministru u tas-Segretarju Parlamentari li jaqa' taħtu? Kemm hemm ħaddiema (total) fis-Segretarjat? Jista' jippreżenta l-organigram bl-istruttura tal-istess Segretarjati? Jista' jindika kemm minn dawn il-ħaddiema huma: (a) f'positions of trust (b) persons of trust u (ċ) taċ-ċivil?

09/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru hemm 15- il persuna li huma Position of Trust u 18 li huma Persons of Trust. Rigward is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali hemm 3 persuni li huma Position of Trust u 6 li huma Persons of Trust.

Rigward l- organogramma nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 184.

Seduta 9
24/05/2022

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA - SEGRETARJATI**

**27. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista sħiħa tas-Segretarjat tal-Ministru u tas-Segretarju Parlamentari li jaqa' taħtu? Kemm hemm ħaddiema (total) fis-Segretarjat? Jista' jippreżenta l-organigram bl-istruttura tal-istess Segretarjati? Jista' jindika kemm minn dawn il-ħaddiema huma: (a) f'positions of trust (b) persons of trust u (ċ) taċ-ċivil?

09/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Filwaqt li nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija numru 184 ta' din il-Leġiżlatura, ninformaha li fis-Segretarjat tal-Ministeru hemm 10.5 full time equivalent f'person of trust u 2 full time equivalent fuq bażi ta' position of trust.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - SEGRETARJATI**

**28. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista sħiħa tas-Segretarjat tal-Ministru u tas-Segretarju Parlamentari li jaqa' taħtu? Kemm hemm ħaddiema (total) fis-Segretarjat? Jista' jippreżenta l-organigram bl-

istruttura tal-istess Segretarjati? Jista' jindika kemm minn dawn il-ħaddiema huma: (a) f'positions of trust (b) persons of trust u (ċ) taċ-ċivil?

09/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija parlamentari 184, ninformaha li fis-Segretarjat tal-Ministeru hemm 21 ħaddiema bħala position of trust u 8 bħala persons of trust. Minn dawn 9 jinsabu fis-Segretarjat Parlamentari.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - SEGRETARJATI**

**29. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista sħiħa tas-Segretarjat tal-Ministru u tas-Segretarju Parlamentari li jaqa' taħtu? Kemm hemm ħaddiema (total) fis-Segretarjat? Jista' jippreżenta l-organigram bl-istruttura tal-istess Segretarjati? Jista' jindika kemm minn dawn il-ħaddiema huma: (a) f'positions of trust (b) persons of trust u (ċ) taċ-ċivil?

09/05/2022

**ONOR. IAN BORG:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija 184 ta' din il-Leġiżlatura, ninformaha li fis-Segretarjat tal-Ministeru hemm 13 -il ħaddiem bħala position of trust u 6 bħala persons of trust.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - SEGRETARJATI**

**30. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista sħiħa tas-Segretarjat tal-Ministru u tas-Segretarju Parlamentari li jaqa' taħtu? Kemm hemm ħaddiema (total) fis-Segretarjat? Jista' jippreżenta l-organigram bl-istruttura tal-istess Segretarjati? Jista' jindika kemm minn dawn il-ħaddiema huma: (a) f'positions of trust (b) persons of trust u (ċ) taċ-ċivil?

09/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija numru 184, ninformaha li fis-Segretarjat tal-Ministeru hemm 8 ħaddiema bħala position of trust u 10 bħala persons of trust.

Seduta 9
24/05/2022

**BEJGĦ TA' ART AGRIKOLA**

**146. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Fid-dawl tas-sitwazzjoni li qed tikber fejn art agrikola qed tinbiegħ għal skop ta' rikreazzjoni bil-konsegwenza li ma tibqax tintuża għal tkabbir ta' frott u ħaxix u allura jintilef aktar potenzjal ta' produzzjoni agrikola, u fid-dawl tal-wegħdi elettorali tal-Partit Laburista nri: 581,582,583,584 u 585, jista' l-Ministru jgħid x'inhuwa l-pjan tal-Gvern biex jindirizza din is-sitwazzjoni qabel ikun tard wisq?

10/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-Gvern ta direzzjoni ċara fil-Manifest Elettorali tiegħu tal-impenn tiegħu biex jindirizza l-problemi li hemm fejn jidħol l-użu ta' art agrikola. Filfatt, ġew proposti diversi miżuri finanzjarji u fiskali u bħala Ministeru ser inkunu qed inħejju pjan ta' implimentazzjoni.

Seduta 9
24/05/2022

**BUĠIBBA – XOGĦOL FUQ IL-JETTY U L-BREAKWATER**

**147. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jinbeda x-xogħol fuq il-jetty u breakwater ta' Buġibba, peress li aktar minn sena ilu ġiet sottomessa applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar u s'issa għadu ma nstema xejn dwarha? Jista' jara li jkun hemm spazju biżżejjed li s-sajjieda kollha tal-akkwati, kemm part-timers u full-timers, ikollhom fejn jorbtu d-dgħajjes tagħhom?

10/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Infrastructure Malta qed tippjana biex tibni mill-ġdid il-breakwater ta' Buġibba, li jinsab f'qagħda mwiegħra, u tintroduċi faċilitajiet aktar siguri għal-laneċ flimkien ma' terminal tal-passiġġieri, ħalli s-servizz tat-trasport bil-baħar f'Malta jkun jista' jiġi estiż mill-Belt Valletta u Tas-Sliema lejn San Pawl il-Baħar. Bħalissa qed issir l-evlawazzjoni tal-offerti li ntefgħu għat-twettiq ta' dan il-proġett wara li kienet ippubblikata sejħa għall-offerti.

Il-breakwater ġdid ta' 180 metru se jkun itwal minn dak eżistenti biex irażżan aktar il-mewġ fil-bajja, u b'hekk jipprovdi iżjed kenn għad-dgħajjes tas-sajd u opri tal-baħar oħrajn żgħar li jirmiġġaw f'din iż-żona. Se jkollu wkoll faċilitajiet għall-irmiġġ ta' fast ferry għall-passiġġierili jużaw is-servizz tat-trasport bil-baħar, kif ukoll pjattaformi aktar siguri għall-irmiġġ ta' laneċ oħrajn tal-passiġġieri li jużaw l-istruttura eżistenti fis-sajf għal vjaġġi rikreattivi, speċjalment dawk tat-turisti.

Infrastructure Malta qed tipproponi wkoll li tibni moll ta' 37 metru li jisporġi min-naħa tat-tramuntana tal-breakwater, għal kenn akbar u rmiġġ aktar sigur f'kundizzjonijiet tat-temp differenti. Se tibni mill-ġdid ukoll l-iskall li hemm ħdejn il-breakwater eżistenti b'disinn aktar sigur. Il-postijiet kollha li hemm għall-irmiġġ f'din il-bajja se jibqgħu, filwaqt li l-ispazju fil-baħar (fairway) li minnu jgħaddu l-opri tal-baħar biex jidħlu f'din id-daħla mhux ser ikun affettwat.

Fuq l-art biswit il-breakwater, Infrastructure Malta qed tipproponi li tibni terminal żgħir, fejn il-passiġġieri jkunu jistgħu jistennew għall-kenn u jaqtgħu l-biljett biex jivvjaġġaw bil-baħar lejn Tas-Sliema jew il-Belt Valletta, fejn diġà jopera s-servizz tal-lanċa. It-terminal u s-sit il-ġdid għall-irmiġġ tal-laneċ se jkollu rampi u faċilitajiet oħrajn biex dan il-mezz alternattiv ta' trasport ikun aċċessibbli għal kulħadd. Fit-terminal se jkun hemm ukoll bicycle racks (fejn tista' tħalli r-rota) biex jiġi faċilitat l-ivvjaġġar b'mezzi differenti. Ix-xogħlijiet fuq il-proġett jibdew malli jinħarġu l-permessi neċessarji u jintgħażlu l-kuntratturi meħtieġa.

Il-faċilitajiet ġodda għat-trasport bil-baħar f'Buġibba se jkunur-raba' infrastruttura ta' dan it-tip li Infrastructure Malta qedti¿viluppa għall-passiġġieri li ju¿aw dan is-servizz f'Malta. Fl-2019 fetħet l-ewwel fa¿i tal-faċilitajiet il-ġoddaf'Marsamxett, il-Belt Valletta, li jinkludu strutturi imtejbingħall-irmiġġ u rampi aktar siguri biex il-passiġġieri li jivvjaġġaw minn u lejn Tas-Sliema jkunu jistgħu jirkbu u jin¿lu mil-laneċ b'aktar kumdità.

Il-bini taż-żewġ faċilitajiet ġodda f'Tas-Sliema (ħdejn il-Ferries) u f'Bormla (fl-inħawi tal-Baċir Numru 1) jinsabu fi stadju avvanzat. Dawn iż-żewġ siti bħalissa mhumiex mgħammrin b'faċilitajiet għall-passiġġieri, u dan jagħmel l-imbark u l-iżbark aktar diffiċli, barra li jieħu aktar ħin. Il-mollijiet ġodda se jkomplu jtejbu s-sigurtà u l-effiċjenza għaldan il-mod ta' vvjaġġar. Bħala parti minn dawn il-faċilitajiet, Infrastructure Malta se tibni wkoll strutturi żgħar ta' kenn għall-passiġġieri.

Is-sajjieda full-timers u part-timers preżenti se jiġu riallokati u fl-ispazju ġdid li se jigi krejat wara l-bini tal-breakwater, għalkemm limitat, se jiġu possibbilment allokati xi sajjieda oħra. Mal-breakwater innifsu se jiġu allokati dgħajjes kummerċjali kif hemm bħalissa.

Seduta 9
24/05/2022

**BUĠIBBA – APPLIKAZZJONI GĦALL-JETTY U BREAKWATER**

**148. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju waslet l-applikazzjoni għall-jetty u breakwater f'Buġibba li ġiet sottomessa aktar minn sena ilu mal-Awtorità tal-Ippjanar?

10/05/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat illi l-applikazzjoni għall-jetty u breakwater f'Buġibba għaddiet mill-proċess ta' "screening" u bħalissa l-Awtorità tal-Ippjanar qiegħda tistenna l-informazzjoni mitluba sabiex din l-applikazzjoni tiġi vvalidata u tkun tista tgħaddi għall-proċess sħiħ tal-ippjanar.

Seduta 9
24/05/2022

**KWOTA GĦALL-QBID TAL-ALONGI**

**149. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li minn April ta' din is-sena l-qbid tal-alongi sar bil-kwota ta' tlieta kull opra tal-baħar? Kif ġiet iffissata din il-kwota ta' tlieta kull opra tal-baħar? X'inhi r-raġuni li ġiet applikata 'administration fee' ta' €20 biex tkun tista' tapplika biex tistad għall-alongi? L-għaqdiet tas-sajjieda ġew ikkonsultati minn qabel ma' ddaħħlet fis-seħħ din il-kwota u din l-'administration fee'?

10/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm differenza bejn sajjieda professjonali u sajjieda rikreazzjonali għaliex hemm differenza bejn "kull opra tal-baħar". Paragrafu 7 tar-rakkomandazzjoni tal-ICCAT Numru 21-6, adottata f'Novembru tas-sena 2021, jispeċifika b'mod ċar li minħabba pjan ta' ġestjoni dan it-tip ta' ħut m'għandux jinqabad, jinżamm abbord jew jinħatt mhux aktar minn 3 alungi kull ġurnata għal kull bastiment rikreazzjonali. Għaldaqstant hawnhekk mhux qed issir referenza għas-sajjieda professjonali. L-administration feeta' €20 li qed issir referenza għaliha hi marbuta mal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-alungi għall-bastimenti rikreazzjonali, bl-istess mod li jsiru applikazzjonijiet simili oħra għall-speċi oħra. Ta' min wieħed jgħid li l-Għaqdiet tas-Sajjieda Rikreazzjonali kienu mgħarrfa b'dan.

Seduta 9
24/05/2022

**APPARTAMENTI TAL-GVERN – XOGĦOL TA' MANUTENZJONI**

**150. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' xogħol ta' manutenzjoni sar fl-appartamenti tal-Gvern li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament mill-2018 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jikkonferma li x-xogħol kollu li sar laħaq il-livelli kollha mixtieqa u li x-xogħol kollu li tħallas biex isir, fil-fatt sar?

10/05/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħala kjarifika, l-Awtorità tad-Djar twettaq xogħol ta' tiswijiet strutturali fl-appartamenti u partijiet komuni tal-blokok residenzjali kif ukoll tiswijiet ta' servizzi u finishes fil-partijiet komuni ta' blokok li huma proprjetà tal-Gvern u tal-istess Awtorità. Dwar manutenzjoni, l-inkwilini huma obbligati jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni regolarment fl-appartament u l-paritjiet komuni fil-blokka fejn joqogħdu. Madanakollu l-Awtorità tgħin lill-inkwilini wkoll f'dan ir-rigward.
Bejn l-2018 u l-2019 l-inkwilini kienu pparteċipaw fl-iskema tal-Awtorità bi sħab mal-Kunsill Lokali, fejn huma stess qabbdu kuntratturi biex jagħmlu diversi xogħlijiet fil-komun u wara li tlestew ġew rimburżati bl-ispejjeż skont l-għotja approvata mill-Awtorità. Waqt li kienu qed isiru dawn ix-xogħlijiet li ħadu ħsiebhom l-inkwilini stess, l-Awtorità għamlet ukoll xogħol addizzjonali ta' manutenzjoni fuq il-bjut tal-blokok kollha fejn sar il-kisi tal-opramorti u tromba tat-taraġ kif ukoll organizzar ta' tankijiet tal-ilma u xogħol relatat.

Kif jitlestew kwalunkwe xogħlijiet hija proċedura tal-Awtorità li dawn jiġu spezzjonati, il-kuntratturi jingħataw istruzzjonijiet biex jirranġaw fejn ikun meħtieġ u fl-aħħar ix-xogħol jiġi mkejjel u ċertifikat qabel ma joħroġ il-pagament.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – KARIGI U POŻIZZJONIJIET**

**189. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-karigi u pożizzjonijiet kollha fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali inkluż ta' kull entità, dipartiment u awtorità li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tiegħu u li fid-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fihom hemm impjegati persuni fuq bażi ta' *person of trust* jew *position of trust*, u għal kull kariga/pożizzjoni jgħid kemm-il persuna hemm impjegata fuq din il-bażi fil-kariga u/jew pożizzjoni u x'inhu t-total tal-ispiża tal-pagi, fuq bażi annwali, fil-karigi u/jew pożizzjonijiet rispettivi?

10/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninsab infurmat li l-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' person of trust jew position of trust fis-segretarjat tal-Ministeru u tas-Segretarju Parlamentari hi skont il-Manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra. Il-kumplament li mhumiex imniżżlin fil-Manwal huma dawn:

| Denominazzjoni | Person/Position of Trust | Salarju |
|---|---|---|
| 2 Junion Veterinary Officers | Person of Trust | Skala 9 |

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – KARIGI U POŻIZZJONIJIET**

**190. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-karigi u pożizzjonijiet kollha fi ħdan il-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli inkluż ta' kull entità, dipartiment u awtorità li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tiegħu u li fid-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fihom hemm impjegati persuni fuq bażi ta' *person of trust* jew *position of trust*, u għal kull kariga/pożizzjoni jgħid kemm-il persuna hemm impjegata fuq din il-bażi fil-kariga u/jew pożizzjoni u x'inhu t-total tal-ispiża tal-pagi, fuq bażi annwali, fil-karigi u/jew pożizzjonijiet rispettivi?

10/05/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninsab infurmat li l-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' person of trust jew position of trust fis-segretarjat tal-Ministeru hi skont il-Manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Il-kumplament li mhumiex imniżżlin fil-Manwal huma dawn:

Project Coordinator – Salary Scale 6 (FT)/p.a.
Senior Support Services Coordinator – Salary Scale 10 (PT)/p.a.
Assistant Support Services Coordinator – Salary Scale 16 (FT)/p.a.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – KARIGI U POŻIZZJONIJIET**

**191. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-karigi u pożizzjonijiet kollha fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet inkluż ta' kull entità, dipartiment u awtorità li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tiegħu u li fid-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fihom hemm impjegati persuni fuq bażi ta' *person of trust* jew *position of trust*, u għal kull kariga/pożizzjoni jgħid kemm-il persuna hemm impjegata fuq din il-bażi fil-kariga u/jew pożizzjoni u x'inhu t-total tal-ispiża tal-pagi, fuq bażi annwali, fil-karigi u/jew pożizzjonijiet rispettivi?

10/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' person of trust jew position of trust fis-segretarjat tal-Ministeru u tas-Segretarju Parlamentari hi skont il-Manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR – KARIGI U POŻIZZJONIJIET**

**192. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti lista tal-karigi u pożizzjonijiet kollha fi ħdan il-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur Lokali inkluż ta' kull entità, dipartiment u awtorità li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tagħha u li fid-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fihom hemm impjegati persuni fuq bażi ta' *person of trust* jew *position of trust*, u għal kull kariga/pożizzjoni tgħid kemm-il persuna hemm impjegata fuq din il-bażi fil-kariga u/jew pożizzjoni u x'inhu t-total tal-ispiża tal-pagi, fuq bażi annwali, fil-karigi u/jew pożizzjonijiet rispettivi?

10/05/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-lum il-Ministeru għad m'għandux nies ingaggati f'karigi u pożizzjonijiet ta' Persons/Positions of trust, għaliex il-proċess biex jiġu ngaġġati dawn għadu ma ġiex iffinalizzat.

L-unika kuntratti ta' Positions of Trust/ Persons of Trust iffirmati sa issa huma tal-impjegati li ġew ingaġġati fis-Segretarjat skont il-Manwal.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – KARIGI U POŻIZZJONIJIET**

**193. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-karigi u pożizzjonijiet kollha fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali inkluż ta' kull entità, dipartiment u awtorità li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tiegħu u li fid-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fihom hemm impjegati persuni fuq bażi ta' *person of trust* jew *position of trust*, u għal kull kariga/pożizzjoni jgħid kemm-il persuna hemm impjegata fuq din il-bażi fil-kariga u/jew pożizzjoni u x'inhu t-total tal-ispiża tal-pagi, fuq bażi annwali, fil-karigi u/jew pożizzjonijiet rispettivi?

10/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – KARIGI U POŻIZZJONIJIET**

**194. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-karigi u pożizzjonijiet kollha fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex inkluż ta' kull entità, dipartiment u awtorità li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tiegħu u li fid-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fihom hemm impjegati persuni fuq bażi ta' person of trust jew position of trust, u għal kull kariga/pożizzjoni jgħid kemm-il persuna hemm impjegata fuq din il-bażi fil-kariga u/jew pożizzjoni u x'inhu t-total tal-ispiża tal-pagi, fuq bażi annwali, fil-karigi u/jew pożizzjonijiet rispettivi?

10/05/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għadd ta' persuni fis-Segretarjat li ġejjin mis-Servizz jew mis-Settur Pubbliku huwa ta' 12-il persuna, filwaqt li hemm 3 persuni bħala persons of trust.

Seduta 9
24/05/2022

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA – KONSULENTI**

**281. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati sal-14 ta' Mejju 2022, u kemm dawn jitħallsu?

16/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija numru 326.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – KONSULENTI**

**283. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati sal-14 ta' Mejju 2022, u kemm dawn jitħallsu?

16/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni mitluba tinġabar.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – KONSULENTI**

**284. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati sal-14 ta' Mejju 2022, u kemm dawn jitħallsu?

16/05/2022

**ONOR. IAN BORG:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija 328 tas-Seduta 8.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦALL-POLTIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - KONSULENTI**

**285. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati sal-14 ta' Mejju 2022, u kemm dawn jitħallsu?

16/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – KONSULENTI**

**286. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati sal-14 ta' Mejju 2022, u kemm dawn jitħallsu?

16/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – KONSULENTI**

**287. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati sal-14 ta' Mejju 2022, u kemm dawn jitħallsu?

16/05/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija numru 331.

Seduta 9
24/05/2022

**MELLIEĦA – KUNSILL LOKALI – KAMRA LI TAGĦMEL PARTI MILL-BARRACKS**

**313. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kif qed tintuża l-kamra (parti mill-barracks) devoluta lill-Kunsill Lokali Mellieħa li tinsab fil-Park tal-Majjistral, liema devoluzzjoni kienet saret qabel l-2013?

16/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li attwalment il-binja qed tintuża proviżorjament bħala maħżen, billi l-Kunsill għandu l-intenzjoni li l-binja tinbidel f'ċentru ta' interpretazzjoni dwar il-produzzjoni tal-melħ u l-għasel, bħala parti minn pjan ħollistiku mfassal mill-Bord tal-Park tal-Majjistral.

Seduta 9
24/05/2022

**SELMUN – UŻU TA’ KUMPLESS TA’ IRZIEZET MILL-KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**314. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jgħid kif qed jintuża l-kumpless ta’ rziezet f’Selmun mill-Kunsill Lokali Mellieħa u kemm-il darba fil-ġimgħa qed ikun miftuħ għall-pubbliku, liema kumpless kien ġie devolut lill-istess kunsill qabel l-2013?

16/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont kif gejt infurmat, il-kumpless ta’ rziezet f’Selmun kien qiegħed jinfetaħ għall-pubbliku fi tmiem il-ġimgħa minn NGO, iżda tali servizz ġie sospiż temporanjament minħabba nuqqas ta’ riżorsi.

Ninsab infurmat ukoll li l-Kunsill qiegħed jaħdem sabiex dan il-kumpless jintuża bħala ċentru ta’ interpretazzjoni relatat mal-heritage trail ta’ Selmun u għalhekk qegħdin isiru l-proċessi relattivi għal dan il-għan.

Fil-frattemp, il-Kunsill qed jara li ssir il-manutenzjoni meħtieġa ħalli l-kumpless ikun ndukrat kif inhu xieraq.

Seduta 9
24/05/2022

**MELLIEĦA – BRING IN SITES**

**315. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista’ l-Ministru tindika kemm u fliema żoni fil-lokalità tal-Mellieħa hemm Bring in Sites għad-dispożizzjoni tal-pubbliku?

16/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmata li fil-lokalità tal-Mellieħa hemm seba’ (7) Bring-In Sites u dawn qegħdin fi:

- Triq l-Iżbark tal-Franċiżi
- Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad – sit 1
- Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad – sit 2
- Ramlet il-Qortin (ta’ Maċċa)
- Triq l-Arżnell
- L-Armier (fil-parkeġġ)
- Triq il-Mellieħa fil-Manikata

Seduta 9
24/05/2022

**SELMUN U BYPASS TA’ SAN PAWL IL-BAĦAR – BOZOZ MAQTUGĦIN**

**316. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista’ l-Ministru tara li bozoz li hemm maqtugħin fit-Telgħa ta’ Selmun u fil-Bypass ta’ San Pawl il-Baħar li ilhom hekk għal diversi jiem, jinbidlu?

16/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-jiem li għaddew il-ħaddiema sabu l-ħsarat li kien hemm u għamlu t-tiswijiet meħtieġa fuq id-dwal kemm fit-Telgħa ta’ Selmun u anke fil-Bypass ta’ San Pawl il-Baħar.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - KONSULENZI**

**330. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru u/jew Segretarju Parlamentari jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

17/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - KONSULENZI**

**331. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

17/05/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - KONSULENZI**

**332. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru u/jew Segretarju Parlamentari jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

17/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsulenzi mħallsin s'issa mill-Ministeru u Segretarju Parlamentari, huma kif jidhru fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - KONSULENZI**

**333. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Tista' tgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Tista' tgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

17/05/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - KONSULENZI**

**334. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

17/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - KONSULENZI**

**335. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

17/05/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u se tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 9
24/05/2022

**MELLIEĦA U SAN PAWL IL-BAĦAR - FAĊILITAJIET GĦAS-SAJJIEDA**

**443. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk fil-lokalitajiet tal-Mellieħa u San Pawl il-Baħar, fiż-żoni li jagħmlu użu minnhom numru kbir ta' sajjieda, hux ser ikun hemm titjib fil-faċilitajiet użati mill-istess sajjieda?

17/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru li tiegħu jien responsabbli f'dawn l-aħħar sentejn investa fil-faċilitajiet tal-ħatt ġewwa San Pawl il-Baħar, kif ukoll bil-ftuħ ta' uffiċċju biex iservi lis-sajjieda tan-naħa ta' fuq ta' Malta. Barra minn hekk, qed isir ukoll restawr u titjib neċessarju fil-Winch Rooms. Id-Dipartiment ikkonċernat dejjem jagħmel monitoraġġ tal-faċilitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, u minn żmien għal żmien jagħmel investimenti neċessarji hekk kif meħtieġ.

Seduta 9
24/05/2022

**MANIKATA, MIŻIEB, L-IMBORDIN U L-PWALES - ILMA GĦAT-TISQIJA TAL-ĦXEJJEX**

**444. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jindika meta ser ikun qed isir l-investiment adegwat fiż-żoni tal-Manikata, il-Miżieb, l-Imbordin u l-Pwales sabiex il-bdiewa ta' dawn iż-żoni jkollhom ilma biżżejjed sabiex isaqqu l-ħxejjex tagħhom?

17/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-Mistoqsija Parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 9
24/05/2022

**PATIENTS CHARTER**

**456. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-Gvern għandux pjan biex il-Patient Charter jiġi ppubblikat f'liġi? Jekk iva, meta?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Patient Charter ilu ppubblikat mil- 21 ta' Novembru tal- 2016.

Seduta 9
24/05/2022

**SPTAR MATER DEI, SPTAR MONTE KARMELI U KURA PRIMARJA TEKNOLOĠIJA FIŻ-ŻAMM TAL-ISTORJA MEDIKA TAL-PAZJENTI**

**457. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fil-ġurnata li qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija, liema forma teknoloġika qed tintuża minn professjonisti biex tinżamm l-istorja medika tal-pazjent fl-Isptar Mater Dei, fil-Kura Primarja u fl-Isptar Monte Karmeli?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-professjonisti f'Mater Dei għandhom aċċess għar-riżultati tal-investigazzjonijiet tad-demm, tar-radjoloġija u tal-kardjoloġija, id-discharge letter, mediċina, dettalji tal-operazzjonijiet u dokumentazzjoni oħra minn sistemi elettroniċi aċċessibli mill-isptar. Fid-Dipartiment tal-Kura Primarja jinżammu f'format elettroniku permezz tal-Electronic Patient's Record IT System (EPR). Is-sistema tal-EPR tifforma parti mill-viżjoni tal-Gvern li jgħaqqad is-sistemi tal-IT flimkien fi ħdan il-proġett ERDF CONvErGE. Għalkemm fl-isptar Monte Karmeli, preżentament l-istorja medika tal-pazjent tinżamm b'mod manwali fuq files għal kull pazjent rispettiv, għaddej il-proċess sabiex l-istorja medika tal-pazjenti tibda tinżamm permezz ta' sistema elettronika.

Seduta 9
24/05/2022

**PAIN CLINIC - WAITING LIST GĦALL-INJECTION TAL-UĠIGĦ**

**458. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fil-ġurnata li qed tiġi mwieġba l-mistoqsija kemm hi twila l-waiting list biex tingħata appuntament għall-injezzjoni tal-uġigħ fil-Pain Clinic?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi il-medja ta' żmien ta' stennija minn meta il-konsulent jara l-pazjent fl-outpatients sa meta jkollu l-proċedura tal-pain management hija ta' 83 ġurnata. Wieħed għandu jkun mgħarraf li f'dawk il-każijiet li huma urġenti, il-proċedura ssir minnufih.

Seduta 9
24/05/2022

**WAITING LIST GĦALL-ASSESSJAR ORTOPEDIKU**

**459. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fil-ġurnata li qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm hi twila l-waitinglistgħal assessjar ortopediku?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi sal- 4 ta' Mejju ta' din is-sena, n-numru ta' persuni li għandhom appuntamenti ġodda bbukjati fl-*Orthopaedic outpatients* (generali) huma 1062 u medja ta' żmien ta' stennija bejn id-data tal-*booking* u d-data attwali tal-appuntament hija 85 gurnata.

Wieħed għandu jkun mgħarraf li f'dawk il-każijiet li huma urġenti, il-pazjenti jaraw l-ispeċjalista mill-illum għal għada jew fl-ewwel out-patients clinic li jkun imiss.

Seduta 9
24/05/2022

**SPTAR MATER DEI - WAITING LIST GĦAL MRI**

**460. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fil-ġurnata li qed tiġi mwieġba l-mistoqsija, kemm hi twila l-waiting list għal assessjar b'MRI fl-Isptar Mater Dei?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-medja ta' ħin (abbażi ta' analisi sat-30 t'April 2022) meta jigi mitlub MRI *scan* (ghal kazijiet ta' rutina fuq bażi *Outpatient*), u meta jigi meħud huwa ta' erba' (4) xhur.

Wieħed għandu jkun mgħarraf li f'dawk il-każijiet li huma urġenti, l-MRI isir mill-iktar fis possibbli.

Seduta 9
24/05/2022

**SPTAR MATER DEI - QASAM ORTOPEDIKU - ASSESSJAR TA' ULTRASOUND**

**461. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fil-ġurnata li qed tiġi mwieġba l-mistoqsija kemm hi twila l-waiting list biex isir assessjar permezz ta' Ultrasound fil-Qasam Ortopediku fl-Isptar Mater Dei?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-medja ta'ħin (abbażi ta'analizi sat-30 t'April 2022) minn meta jiġi mitlub Ultrasound scan tat-tip 'musculoskeletal' (għal każijiet ta' rutina fuq bazi Outpatient), u meta jigi meħud huwa ta' erba (4) xhur.
Wieħed għandu jkun mgħarraf li f'dawk il-każijiet li huma urġenti, dan isir mill-iktar fis possibbli.

Seduta 9
24/05/2022

**PERSUNI LI JAQILGĦU AKTAR MINN €60,000**

**465. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn individwi li jaqilgħu iktar minn €60,000 fis-sena? Jista' jgħid f'liema qasam jaħdmu?

17/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Intrerpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 9
24/05/2022

**PERSUNI LI JAQILGĦU INQAS MINN €20,000**

**466. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn individwi li jaqilgħu inqas minn €20,000 fis-sena? Jista' jgħid f'liema qasam jaħdmu?

17/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Intrerpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 9
24/05/2022

**SUWIĊIDJI TA' PERSUNI TA’ 18-IL SENA JEW INQAS**

**467. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm seħħew imwiet f'pajjiżna kawża ta' suwiċidju f'persuni ta' 18-il sena u inqas fl-aħħar tliet snin?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi skont ir-Registru Nazzjonali tal-Imwiet, bejn l-2019 u l-2021 kien hemm żewg imwiet f'pajjiżna kawża ta' suwiċidju f'persuni ta' 18-il sena u inqas.

Seduta 9
24/05/2022

**FLUS MIĠBURA MINN PERSUNI LI NQABDU JUŻAW IL-MOBILE WAQT LI KIENU QED ISUQU**

**480. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jindika kemm inġabru flus is-sena l-oħra mingħand dawk il-persuni li nqabdu jużaw il-mobile phone tagħhom waqt li kienu qegħdin isuqu?

18/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Matul is-sena 2021, tħallsu 9,599 kontravenzjoni marbuta mal-użu ta’ mobile phone waqt is-sewqan. It-total tal-valur imħallas jammonta għal €971,781.52

Seduta 9
24/05/2022

**AMMINISTRAZZJONI TAL-QORTI – INFIQ TA' FLUS FL-AKKOMODAZZJONI TA' MEMBRI TAL-ĠUDIKATURA**

**481. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija numru 24449 tat-13-il Leġiżlatura u jgħid kemm intefqu flus mill-amministrazzjoni tal-Qorti kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, sena b'sena, f'akkomodazzjoni f'lukandi ta' Membri tal-Ġudikatura meta jkunu qed jaqdu dmirhom f'xi gżira partikolari mis-sena 2010 sas-sena 2021?

18/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tabella dwar kemm intefqu flus fuq akkomodazzjoni meta Membri tal-Ġudikatura jkunu qed jaqdu dmirhom f'xi gżira partikolari, primarjament ġewwa Għawdex, mis-sena 2010 sas-sena 2021.

| **Sena** | **Ammont** |
|---|---|
| 2010 | €1,268.6 |
| 2011 | €1,251.7 |
| 2012 | €5,165.9 |
| 2013 | €5,747.8 |
| 2014 | €2,343.1 |
| 2015 | €3,847.2 |
| 2016 | €4,257.3 |
| 2017 | €4,183.6 |
| 2018 | €2,841.6 |
| 2019 | €4,025.6 |
| 2020 | €5,200.2 |
| 2021 | €6,144.7 |

Seduta 9
24/05/2022

**PERSUNI LI JAQILGĦU INQAS MINN €10,000**

**485. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn individwi li jaqilgħu inqas minn €10,000 fis-sena? Jista' jgħid f'liema qasam jaħdmu?

18/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Intrerpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 9
24/05/2022

**FOND TA' KONTINĠENZA – RIFORMA**

**487. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta se tibda r-riforma fin-natura tal-Fond ta' Kontinġenza stabbilit fil-Kostituzzjoni sabiex tibda titpoġġa fih parti mid-dħul annwali tal-Gvern?

18/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi għadu prematur sabiex wieħed jibda jiddiskuti din il-materja.

Seduta 9
24/05/2022

**FOND TA' KONTINĠENZA – RIFORMA**

**488. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni ta' x'se tkun qed tikkonsisti r-riforma tal-Fond ta' Kontinġenza stabbilit fil-Kostituzzjoni ta' Malta?

18/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija fil-Mistoqsija Parlamentari Numru 487.

Seduta 9
24/05/2022

**MOSTA – TRIQ IL-KBIRA - TĦAFFIR**

**497. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid minn ta l-ordni u għaliex reġa' sar it-tħaffir mill-ġdid, biex jerġa' jaqla' xogħol li kien diġà sar fi Triq il-Kbira, Mosta għad-detriment tar-residenti u negozji, l-aktar għar-residenti ta' djar antiki?

18/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Infrastructure Malta qed tlesti l-bini mill-ġdid ta' Triq Il-Kbira li testendi kilometru minn Ta' Qali sal-pjazza tal-Mosta.

L-ewwel nofs tal-bini mill-ġdid ta' din it-triq tlesta f'Marzu 2021 u x-xogħlijiet fit-tieni nofs bdew immedjatament wara. Minħabba li kien ilha għexieren ta' snin ma tinbena mill-ġdid, it-triq kellha ħsarat estensivi fil-wiċċ tagħha u l-bankini, filwaqt li kellhom jinbidlu s-sistemi tas-servizzi taħt l-art, inkluż il-katusi tad-drenaġġ u l-pajpijiet tal-ilma. Fil-fatt, Infrastructure Malta poġġiet aktar minn erba' kilometri ta' sistemi ġodda taħt l-art, u għad-drenaġġ kellhom jitħaffru trinek żewġ sulari fond taħt il-wiċċ tat-triq. L-aġenzija introduċiet ukoll sistema estensiva ġdida għall-ġbir tal-ilma tax-xita li għaliha wkoll ġew mgħoddijin katusi kbar taħt l-art.

Peress li din it-triq hija dejqa, dawn is-servizzi ġodda kollha taħt l-art kellhom jiġu installati b'mod delikat ħdejn jew fuq xulxin, mingħajr ma jfixklu s-sistemi l-qodma li baqgħu jintużaw biex jagħtu servizz lill-binjiet taż-żona, sakemm is-sistemi ġodda tpoġġew f'posthom.

Ix-xogħlijiet kollha oriġinarjament ippjanati minn Infrastructure Malta biex tinbena mill-ġdid din it-triq kienu skedati li jkunu lesti sal-aħħar ta' dan ix-xahar. Fil-fatt, l-aġenzija diġà lestiet ix-xogħlijiet kollha tagħha ħlief għat-tqegħid finali tal-asfalt fl-aħħar parti tat-triq.

Madankollu, fl-aħħar xhur, hekk kif ix-xogħlijiet kienu waslu biex jitlestew, il-Kunsill Lokali tal-Mosta ordna diversi xogħlijiet addizzjonali f'din l-aħħar parti tat-triq, l-eqreb tal-pjazza. Dawn jinkludu culverts taħt il-bankini biex il-wires li hemm mal-faċċati tad-djar jitniżżlu taħt l-art, kif ukoll pavimentar bil-ġebla tal-qawwi għall-bankini l-ġodda. Infrastructure Malta se tlesti l-bini mill-ġdid tat-triq bl-aħħar xogħlijiet tal-asfalt hekk kif ix-xogħlijiet addizzjonali ordnati mill-Kunsill Lokali jkunu lesti lejn l-aħħar tas-sajf. Ix-xogħlijiet tal-asfalt kellhom jiġu posposti biex il-wiċċ il-ġdid tat-triq ma ssirlux ħsara bix-xogħlijiet li ġew miżjudin.

Seduta 9
24/05/2022

**MOSTA – TRIQ IL-KBIRA – STUDJU**

**498. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx xi studju għall-proġett ta' Triq il-Kbira fil-Mosta u jekk hux vijabbli li jniżżlu l-cables tad-dawl taħt il-bankini, liema bankini jinsabu fuq blat iebes? Jista' l-Ministru jispjega dan il-proċess?

18/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninformat lill-Onor. Interpellant li filwaqt li nirreferi għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 497, peress li x-xogħol indikat ġie ppjanat mill-Kunsill Lokali, din il-mistoqsija għandha tiġi riferuta lill-Ministeru konċernat.

Seduta 9
24/05/2022

**MOSTA – TRIQ IL-KBIRA – KUMPENS GĦAD-DANNI GĦAR-RESIDENTI U NEGOZJI**

**499. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex se jikkunsidra li joffri kumpens għad-danni lir-residenti u n-negozji li hemm fi Triq il-Kbira ġewwa l-Mosta?

18/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Infrastructure Malta qed tlesti l-bini mill-ġdid ta' Triq Il-Kbira li testendi kilometru minn Ta' Qali sal-pjazza tal-Mosta.

L-ewwel nofs tal-bini mill-ġdid ta' din it-triq tlesta f'Marzu 2021 u x-xogħlijiet fit-tieni nofs bdew immedjatament wara. Minħabba li kien ilha għexieren ta' snin ma tinbena mill-ġdid, it-triq kellha ħsarat estensivi fil-wiċċ tagħha u l-bankini, filwaqt li kellhom jinbidlu s-sistemi tas-servizzi taħt l-art, inkluż il-katusi tad-drenaġġ u l-pajpijiet tal-ilma. Fil-fatt, Infrastructure Malta poġġiet aktar minn erba' kilometri ta' sistemi ġodda taħt l-art, u għad-drenaġġ kellhom jitħaffru trinek żewġ sulari fond taħt il-wiċċ tat-triq. L-aġenzija introduċiet ukoll sistema estensiva ġdida għall-ġbir tal-ilma tax-xita li għaliha wkoll ġew mgħoddijin katusi kbar taħt l-art. Peress li din it-triq hija dejqa, dawn is-servizzi ġodda kollha taħt l-art kellhom jiġu installati b'mod delikat ħdejn jew fuq xulxin, mingħajr ma jfixklu s-sistemi l-qodma li baqgħu jintużaw biex jagħtu servizz lill-binjiet taż-żona sakemm is-sistemi ġodda tpoġġew f'posthom.

Ir-residenti u n-negozji ta' din it-triq ser igawdu infrastruttura aħjar għal ħafna snin li ġejjin, kif ukoll titjib fil-proviżjoni tas-servizzi li jservu l-istess triq, u li l-pajpijiet ucables tad-distribuzzjoni tagħhom qed jinbidlu u jissaħħu permezz ta' dan il-proġett.

Ix-xogħlijiet kollha oriġinarjament ippjanati minn Infrastructure Malta biex tinbena mill-ġdid din it-triq kienu skedati li jkunu lesti sal-aħħar ta' dan ix-xahar. Fil-fatt, l-aġenzija diġà lestiet ix-xogħlijiet kollha tagħha ħlief għat-tqegħid finali tal-asfalt fl-aħħar parti tat-triq.

Madankollu, fl-aħħar xhur, hekk kif ix-xogħlijiet kienu waslu biex jitlestew, il-Kunsill Lokali tal-Mosta ordna diversi xogħlijiet addizzjonali f'din l-aħħar parti tat-triq, l-eqreb tal-pjazza. Dawn jinkludu *culverts*taħt il-bankini biex il-wires li hemm mal-faċċati tad-djar jitniżżlu taħt l-art, kif ukoll pavimentar bil-ġebla tal-qawwi għall-bankini l-ġodda. Permezz ta' dan ix-xogħol addizzjonali, it-triq ser tkompli tieħu dehra aħjar, b'ambjent isbaħ għal dawk kollha li jgħixu fiha jew jivvjaġġaw minnha b'mezzi differenti.

Infrastructure Malta se tlesti l-bini mill-ġdid tat-triq bl-aħħar xogħlijiet tal-asfalt hekk kif ix-xogħlijiet addizzjonali ordnati mill-Kunsill Lokali jkunu lesti lejn l-aħħar tas-sajf. Ix-xogħlijiet tal-asfalt kellhom jiġu posposti biex il-wiċċ il-ġdid tat-triq ma ssirlux ħsara bix-xogħlijiet li ġew miżjudin.

Ikun apprezzat jekk jiġi ċċarat x'inhuma eżattament id-danni li qed issir referenza għalihom.

Seduta 9
24/05/2022

**MOSTA – TRIQ IL-KBIRA - ILMA**

**500. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jispjega d-deċiżjoni li jgħaddu l-ilma minn Triq il-Kbira għall-pjazza, meta jeżisti Wied fl-inħawi? Jista' jgħid għaliex ser jitwalu l-mili tat-toroq?

18/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sistema ġdida għall-ġbir tal-ilma tax-xita fit-triq indikata se tingħaqad ma' sistema oħra li se ssir bħala parti minn proġett separat fi Triq il-Kostituzzjoni biex l-ilma jitwassal fil-wied viċin. Fil-fatt, is-sistema ġiet iddisinjata mill-iStorm Water Unit tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi bħala parti mis-sistema sħiħa tal-inħawi.

Seduta 9
24/05/2022

**MARSAXLOKK - TOROQ - XOGĦLIJIET**

**536. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'toroq qed isiru fil-preżent fil-lokalità ta' Marsaxlokk? X'toroq ser isiru fit-12-il xahar li ġejjin?

18/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità ta' Marsaxlokk diġà nbew mill-ġdid u saru xogħlijiet fi Triq il-Patrijiet Tereżjani, Triq iż-Żejtun (it-triq ewlenija lejn Marsaxlokk), triq ġdida fi Triq tas-Silġ (fil-viċinanzi ta' Triq l-Avukat Camrelo Caruana), Triq Duncan, triq ġdida fi Triq Tas-Silġ (fil-viċinanzi ta' Triq Abdosir), Triq l-Għoljiet ta' Guno, Triq il-Kavallerizza, Triq il-Wilġa, Triq Santa Katerina, Sqaq Umbrella, Triq Xrobb l-Għaġin u t-triq li twassal għall-Fanal ta' Delimara.

Bħalissa qegħdin isiru xogħlijiet fi Triq il-Kajjik, Triq iċ-Ċippi, triq bla isem ħdejn l-Island Sanctuary, triq rurali li twassal għal Delimara, waqt li diġà hemm ippjanati biex fiż-żmien li ġej jibda x-xogħol fi Triq Delimara, fiż-żona tal-Magħluq, Triq 8 ta' Mejju u Triq iż-Żejtun (triq rurali).

Seduta 9
24/05/2022

**ĦAL GĦAXAQ - TOROQ - XOGĦLIJIET**

**537. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'toroq qed isiru fil-preżent fil-lokalità ta' Ħal Għaxaq? X'toroq ser isiru fit-12-il xahar li ġejjin?

18/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità ta' Ħal Għaxaq diġà nbew mill-ġdid u saru xogħlijiet fi Triq Santa Marija, Triq il-Gudja, Triq iż-Żejtun, Triq Ġammari Dalli, Triq Valletta, il-Bypass ta' Ħal Għaxaq u triq biswitha, Triq Ġużeppi D'Arena, triq ġdida fi Triq il-Balklor, Triq l-Ewwel ta' Jannar 1626, Triq il-Merill, Triq tal-Gewwinija, Triq Dun M Schiriha, Triq tal-Qattus, Triq Dun V Scicluna Hernandez, Sqaq il-Bajtar u Triq tat-Talb.

Bħalissa qegħdin isiru xogħlijiet fi Triq San Filippu, Misraħ San Filippu, Triq Tgeżwira u Trejqet Santu Kristu, waqt li diġà hemm ippjanati biex fiż-żmien li ġej jibda x-xogħol ta' titjib fil-junctions Tal-Barrani, Triq Tal-Balklor, Triq Dun Marcell Mallia u Triq Dun Mattew Schiriha.

Seduta 9
24/05/2022

**MARSASKALA - TOROQ - XOGĦLIJIET**

**538. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'toroq qed isiru fil-preżent fil-lokalità ta' Marsaskala? X'toroq ser isiru fit-12-il xahar li ġejjin?

18/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità ta' Marsaskala diġà nbew mill-ġdid u saru xogħlijiet fi Triq il-Buttar u triq ġdida fiha, Triq il-Qaliet, Xatt il-Batterija ta' Rihama (Bajja ta' San Tumas), Triq Thomas Ashby, Triq il-Vjola, Triq il-Kavallieri ta' Malta, Triq Btieti, Triq ir-Ridott, Triq La Sengle u Triq San Ġwakkin.

Bħalissa qegħdin isiru xogħlijiet fi Triq tal-Gardiel, Triq San Nikola, Triq id-Difiża Kostali u fil-Bypass l-antika li minn Ħaż-Żabbar twassal għal Marsaskala, waqt li diġà hemm ippjanati biex fiż-żmien li ġej jibda x-xogħol fi Triq in-Naspli, Triq Patri Wistin Born, Triq Giuseppe Zammit, fiż-żona taż-Żonqor u Ta' Monita.

Seduta 9
24/05/2022

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - TKABBIR**

**539. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed isir jew ser isir xi tkabbir tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin biex tkun tista' tagħmel tajjeb għan-numru ta' priġuniera?

18/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li preżentament qed isir xogħol fuq iċ-ċentru rijabilitattiv, li ser ikun l-ewwel tax-xorta tiegħu fil-konfini tal-faċilità għal madwar 140 persuna, u dan hekk kif tħabbar fil-baġit għas-sena 2022.

Seduta 9
24/05/2022

**KAŻIJIET TA' VJOLENZA DOMESTIKA**

**548. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 173, mit-total ta' 1741 rapport ta' vjolenza domestika, jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawn waslu għall-proċeduri fil-Qorti? Kemm minn dawn il-każijiet kienu rapporti ta' vjolenza fuq nisa? Kemm minn dawk il-każijiet li tressqu l-Qorti, ġew deċiżi?

18/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 9
24/05/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMA U L-UGWALJANZA - PERSONS OF TRUST**

**549. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu persons of trust jaħdmu fi ħdan il-Ministeru tiegħu fid-data ta' meta qed tingħata t-tweġiba għal din il-mistoqsija?

18/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza hemm disa' (9) persons of trust.

Seduta 9
24/05/2022

**PERSUNI INTITOLATI GĦAD-DISABILITY CARD – UŻU MIS-SERVIZZ TAL-INKONTINENZA – GĦOTJA TA' ĦRIEQI B'XEJN**

**555. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni intitolati għad-Disability Card li jagħmlu użu mis-servizz tal-inkontinenza u jingħataw ħrieqi b'xejn?

18/05/2022

**ONOR. JO-ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità għandha 3,982 benefiċjarji li għandhom id-Disability Card u qed jingħataw il-prodotti ta' kontinenza b'xejn.

Seduta 9
24/05/2022

**ANZJANI LI JAGĦMLU UŻU MIS-SERVIZZ TAL-INKONTINENZA – GĦOTJA TA' ĦRIEQI SUSSIDJATI**

**556. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm anzjani li jagħmlu użu mis-servizz tal-inkontinenza u jingħataw ħrieqi ssussidjati? Jista' jgħid kemm hu s-sussidju li jingħataw fuq dawn il-ħrieqi?

18/05/2022

**ONOR. JO-ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità għandha 2,442 anzjani li jagħmlu użu mis-servizz tal-inkontinenza u jingħataw ħrieqi ssussidjati.

Is-sussidju li jingħata fuq kull prodott huwa kif ġej:

| | |
|---|---|
| Ħarqa: | 8 ċenteżmi |
| Pull up: | 15-il ċenteżmu |
| Pads tan-nisa: | 3 ċenteżmi |
| Pads tal-irġiel: | 8 ċenteżmi |
| Inco-sheets: | 3 ċenteżmi |

Seduta 9
24/05/2022

**SERVIZZ TAL-INKONTINENZA – ĦRIEQI**

**557. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk bħalissa hemmx ħrieqi disponibbli għall-klijenti li jagħmlu użu mis-servizz tal-inkontinenza? Jekk le, jista' jgħid minn meta ilhom out of stock u meta se jerġgħu jibdew jingħataw? Jekk bħalissa l-ħrieqi huma disponibbli, jista' jgħid jekk kienx hemm perjodu din is-sena li kienu out of stock, meta kien dan il-perjodu u kif ġew moqdija l-klijenti li jagħmlu użu mill-ħrieqi waqt dan in-nuqqas?

18/05/2022

**ONOR. JO-ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, għalkemm ix-xahar li għadda kien hemm ittardjar fil-provvisti tal-ħrieqi, fl-ebda ħin ma kien hemm xi prodott out of stock. Id-dewmien kien ikkawżat minn nuqqas ta' trasport tal-merkanzija lejn Malta b'riżultat taċ-ċirkostanzi internazzjonali. Is-sitwazzjoni mistennija lura għan-normal fi żmien ġimagħtejn.

Seduta 9
24/05/2022

**DJAR TAL-ANZJANI FIL-KOMUNITÀ - DIETICIANS**

**558. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn dieticians li jmorru fid-djar tal-anzjani fil-komunità? Jista' jgħid jekk dawn jaħdmux fuq bażi full-time jew part-time? Jista' jgħid min jikkwalifika għal dan is-servizz?

18/05/2022

**ONOR. JO-ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità għandha Dietician waħda fuq bażi full-time u tnejn oħra fuq bażi part-time li jmorru fid-djar tal-anzjani fil-komunità.

Għal dan is-servizz huma eliġibbli anzjani li ma jistgħux joħorġu minn djarhom minħabba nuqqas ta' mobbiltà u li għandhom 60 sena jew aktar. Dan is-servizz jiġi offrut ukoll lil dawk l-adulti li ma jistgħux joħorġu mid-dar minħabba xi mard serju jew diżabilità.

Seduta 9
24/05/2022

**ANZJANI FIL-KOMUNITÀ – SERVIZZ TA' FIŻJOTERAPISTI**

**559. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn fiżjoterapisti li jagħtu servizz lill-anzjani fil-komunità? Jista' jgħid jekk dawn jaħdmux full-time jew part-time? Jista' jgħid min jikkwalifika għal dan is-servizz?

18/05/2022

**ONOR. JO-ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità għandha 12-il fiżjoterapista li jagħtu servizz lill-anzjani fil-komunità. Tnejn minnhom jaħdmu fuq bażi part-time, waħda taħdem b'sigħat ridotti, tmienja fuq bażi full-time u oħra li bħalissa qiegħda fuq leave tal-maternità.

Għal dan is-servizz huma eliġibbli anzjani li ma jistgħux joħorġu minn djarhom minħabba nuqqas ta' mobbiltà u li għandhom 60 sena jew aktar. Dan is-servizz jiġi offrut ukoll lil dawk l-adulti li ma jistgħux joħorġu mid-dar minħabba xi mard serju jew diżabilità.

Seduta 9
24/05/2022

**ANZJANI FIL-KOMUNITÀ – SERVIZZ TA' PODOLOĠISTI**

**560. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn podoloġisti li jagħtu servizz lill-anzjani fil-komunità? Jista' jgħid jekk dawn jaħdmux full-time jew part-time? Jista' jgħid min jikkwalifika għal dan is-servizz?

18/05/2022

**ONOR. JO-ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità għandha tmien Podoloġisti jaħdmu fil-komunità. Sitta minn dawn jaħdmu fuq bażi full-time, waħda taħdem b'sigħat ridotti u oħra tinsab fuq leave tal-maternità.

Għal dan is-servizz huma eliġibbli anzjani li ma jistgħux joħorġu minn djarhom minħabba nuqqas ta' mobbiltà u li għandhom 60 sena jew aktar. Dan is-servizz jiġi offrut ukoll lil dawk l-adulti li ma jistgħux joħorġu mid-dar minħabba xi mard serju jew diżabilità.

Seduta 9
24/05/2022

**SKEJJEL – NAXXAR, MELLIEĦA, SAN PAWL IL-BAĦAR, QAWRA – PREŻENZA TAL-PULIZIJA**

**567. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra jekk hux qed ikun hemm il-preżenza tal-Pulizija jew uffiċjali biex jikkontrallaw it-traffiku fil-ħinijiet tad-dħul u tal-ħruġ tat-tfal mill-iskola madwar l-iskejjel li hemm fil-lokalitajiet tan-Naxxar, Mellieħa u San Pawl il-Baħar (inkluż il-Qawra)? Jekk iva, jista' jinforma lill-Kamra bil-ġranet u ħinijiet li fihom ikun hemm il-preżenza tal-pulizija jew uffiċjali għal kull skola fil-lokalitajiet imsemmija?

18/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor interpellant li qiegħed inpoġġi fuq il-mejda tal-kamra l-informazzjoni relatata mitluba.

Seduta 9
24/05/2022

**LEGAL REFORM FOR THE TOURISM INDUSTRY**

**578. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti aġġornament dwar jekk hemmx ħsieb li quddiem il-Kamra titressaq liġi bbażata fuq il-white paper 'Legal Reform for the Tourism Industry' li ġiet ippubblikata fl-2016, liema riforma kellha ssir skont il-Politika Nazzjonali tat-Turiżmu għall-Gżejjer Maltin li tnediet f'Marzu 2015?

19/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-liġi se tkun qed titressaq quddiem din il-Kamra għall-ewwel qari qabel il-vakanzi tas-sajf.

Seduta 9
24/05/2022

**MALTA METRO - DIRECT ORDERS**

**595. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għar-risposti għall-mistoqsijiet parlamentari 122, 123, 124, 125, 126, 127, 128, 129, 130, 131, 132, 133, 134, 135, 136, 137, 138 u 139 u b'referenza għal diversi direct orders li ħareġ il-Ministeru li jaqa' taħt ir-responsabiltà tiegħu fit-8 ta' Novembru 2021 lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jgħid, għal kull direct order separatament:

(a) fiex kien jikkonsisti x-xogħol relatat ma' tali direct order?
(b) jekk kienx hemm l-approvazzjoni tal-Ministeru għall-Finanzi għal din id-Direct Order?
(c) jekk l-ammont ta' kull direct order hekk kif imsemmija fil-mistoqsijiet parlamentari indikati hawn fuq (u ċjoè d-direct orders bin-numri minn 52463 sa 52480) kenux jifformaw parti mis-somma ta' €76,981.76 li ngħatat fir-risposta għall-mistoqsija parlamentari 22802 tat-13-il Leġiżlatura, u jekk le, x'inhi r-raġuni li dawn l-ispejjeż ma

ġewx indikati fir-risposta tal-mistoqsija parlamentari 22802 tat-13-il Leġiżlatura meta fl-istess ġurnata li ngħatat ir-risposta (u ċjoè fit-8 ta' Novembru 2021), ġew maħruġa dawn id-direct orders fil-Gazzetta tal-Gvern?

19/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li t-total tan-nefqa għal din l-attività, li saret fuq medda ta' 15-il ġurnata, kienet hekk kif dehret fil-Gazzetta tal-Gvern. Nirreferih ukoll għat-tweġiba Parlamentari numru 122, filwaqt li aktar tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 9
24/05/2022

**SKEJJEL PRIMARJI – STUDENTI BIS-SERVIZZ TA' LSE**

**626. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 230, jista' l-Ministru jgħid kemm mit-3,864 student bis-servizz ta' LSE huma fl-iskejjel primarji?

19/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn 3,864 student bis-servizz ta' LSE, 2,097 huma fl-iskejjel primarji.

Seduta 9
24/05/2022

**EŻAMIJIET ORALI TAL-MATSEC – STUDENTI LI KIENU KWARANTINA MINĦABBA L-COVID-19**

**627. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kif se jkunu kkumpensati l-istudenti li kienu kwarantina minħabba l-COVID-19 waqt l-orali tal-MATSEC u li minħabba f'hekk ma għamlux l-oral u allura tilfu l-marki tal-oral?

19/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-eżamijiet tal-orali f'numru ta' suġġetti bdew it-Tnejn 21 ta' Marzu u baqgħu għaddejin sal-Ħamis 28 ta' April. F'bosta suġġetti jkun hemm aktar min ġurnata waħda fejn kandidat jista jkun skedat għall-eżami tal-orali. Għaldaqstant ħafna mill-istudenti li nqabdu f'kwaratina mandatorja ngħataw appuntament għal ġurnata oħra. Kienu biss 14-il kandidat li ma setgħux jingħataw appuntament ieħor f' ġurnata oħra. Għal dawn il-kandidati l-MATSEC ser jieħu l-passi neċessarji biex jiżgura li dawn ma jiġux żvantaġġati.

Seduta 9
24/05/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR/QAWRA – TRIQ IL-LUZZU U TRIQ L-ISTAMNAR – ZEBRA CROSSING**

**651. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jinforma jekk irċevix talba biex issir *zebra crossing* f'Dawret il-Qawra, preċiżament bejn Triq il-Luzzu u Triq l-Istamnar, il-Qawra, San Pawl il-Baħar? Jekk iva fiex waslet din it-talba? Jekk le, tista' tikkunsidra li hawnhekk issir *zebra crossing* sabiex tgħin lil persuni li jridu jaqsmu t-triq f'dawn l-inħawi?

19/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta ma rċeviet l-ebda talba għal zebra crossing fi Triq Dawret il-Qawra fiż-żona msemmija. L-awtorità ser tkun qed tinforma lill-kunsill lokali b'din it-talba ħalli jkun jista' jissottometti applikazzjoni jekk meħtieġ.

Seduta 9
24/05/2022

**IL-MELLIEĦA – PROĠETTI GĦAL FORT CAMPBELL**

**652. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti informazzjoni dwar xi proġetti hemm ippjanati għal Fort Campbell (Fortizza ta' Campbell, Selmun, Mellieħa), sabiex din ma tibqax titfarrak u titpoġġa għal xi użu?

19/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa għaddejjin studji mill-Awtorità kompetenti tal-Gvern li ngħatat l-inkarigu biex tistħarreġ il-potenzjal ta' dan is-sit.

Seduta 9
24/05/2022

**TOROQ LI SE JKOLLHOM DAWL LED INSTALLATI**

**653. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti informazzjoni dwar liema huma t-toroq li fihom ġie installat dawl LED? Liema huma t-toroq li fihom hemm ippjanat li d-dawl jinbidel għal wieħed LED matul is-sena li ġejja? Liema huma t-toroq li fihom hemm ippjanat li d-dawl jiżdied permezz ta' dawl LED matul is-sena li ġejja?

19/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' toroq li fihom diġà ġie installat dawl LED. Fix-xhur li ġejjin se jkunu qed jitwettqu proġetti simili fi Triq ir-Repubblika u fit-triq ta' madwar il-Belt Valletta, fi Triq il-Katakombi fis-Salina u fi Triq San Leonardu f'Ħaż-Żabbar. Din l-inizjattiva hija waħda kontinwa u timxi wkoll id f'id max-xogħol li tkun qed twettaq Infrastructure Malta. Barra minn hekk, qed jiġi installat dawl LED kull fejn ikun hemm il-ħtieġa ta' bdil ta' bozoz jew manutenzjoni oħra fid-dwal tat-toroq. Sadanittant, Enemalta plc qed tħejji pjan ta' tliet snin sabiex id-dawl fit-toroq residenzjali jinbidel ukoll.

Seduta 9
24/05/2022

**TOROQ ARTERJALI U DISTRIBUTORJI – DAWL LED**

**654. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti informazzjoni jekk hemmx pjan kif it-toroq arterjali u distribitorji kollha jkollhom dawl LED? Jekk iva, meta hemm pjan li dan jitlesta? Jekk le, x'inhu l-pjan tal-Gvern dwar id-dawl fit-toroq arterjali u distributorji sabiex innaqqsu t-tniġġis ambjentali?

19/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-Mistoqsija Parlamentari 653.

Seduta 9
24/05/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ IL-PORT RUMAN – ŻONA TA' PARKEĠĠ - INDAFA**

**655. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jassigura li ż-żona tal-parkeġġ fi Triq il-Port Ruman, biswit l-iskola Primarja fil-Qawra, San Pawl il-Baħar, tinżamm nadifa?

19/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tindif ta' din iż-żona jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar u għaldaqstant nitlobha tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat. Ninfurmaha wkoll li kien hemm diversi okkażjonijiet fejn sar intervent fiż-żona mit-Taqsima tat-Tindif u Manutenzjoni sabiex din tinżamm nadifa. Hekk ser jibqa' jsir sabiex l-indafa f'pajjiżna tkompli titjieb.

Seduta 9
24/05/2022

**BIRGU – TRIQ SALLY PORT - XOGĦLIJIET**

**675. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra dwar ix-xogħlijiet illi saru sa issa fi Triq Sally Port fil-Birgu? Jista' jgħid x'inhu jsir bħalissa u x'se jkun qed isir fiż-żmien li ġej? Jista' l-Ministru jagħti ħjiel meta huwa stmat li jkun lest il-proġett?

20/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta lestiet madwar tliet kwarti tal-proġett ta' €5 miljun biex tagħti ħajja ġdida lill-mollijiet fl-inħawi ta' Sally Port, il-Birgu, bi prominad ġdid li se jkompli jestendi l-passaġġi pedonali max-xtut tal-Kottonera.

Ix-xogħlijiet, li bdew ftit aktar minn sena ilu, issa qed jidħlu fl-aħħar fażijiet tagħhom. It-tisħiħ u l-bini mill-ġdid tal-pedamenti tal-mollijiet, li kienu tkissru bil-maltemp, dalwaqt ikunu lesti. Bħalissa l-ħaddiema qed ilestu l-burdura ta' barra tal-moll (cope beam) u bdew jibnu l-passaġġi, punti ta' qsim pedonali, bankini u konok għall-arbuxelli u pjanti oħrajn li se jkomplu jsebbħu l-passaġġi tal-prominad ġdid.

Għaddej ukoll il-bini mill-ġdid ta' żewġ skali u ta' moll żgħir li jużaw is-sajjieda u d-dilettanti tad-dgħajjes f'dawn l-inħawi. Beda jasal ukoll fuq il-post il-ġebel tal-qawwi għall-pavimentar tal-bankini ġodda man-naħa tas-swar, li qed jinqata' minn barriera lokali. Dawn il-mollijiet, b'tul ta' madwar sitt grawnds tal-futbol (600 metru) jinsabu fiż-żona magħrufa bħala Sally Port jew "It-Toqba", taħt is-swar tal-Birgu u mal-ġenb tax-xatt tal-Kalkara. Ħafna partijiet mill-istrutturi tagħhom kienu ġarrbu ħsarat kbar bil-maltemp matul is-snin. Il-mollijiet komplew tfarrku fil-grigalata kbira ta' Frar 2019. Uħud spiċċaw f'riskju li jċedu, b'periklu għall-pubbliku.

Infrastructure Malta bniet mill-ġdid il-partijiet li tkissru, filwaqt li permezz ta' tim t'għaddasa, irranġat partijiet oħra mill-istrutturi tal-moll taħt l-ilma li ma kienx hemm għalfejn jinħattu kompletament. Għal dawn ix-xogħlijiet użat 6,720 tunnellata konkos ta' kwalità ogħla li jiflaħ aktar għall-elementi tal-baħar, sabiex il-mollijiet ġodda jservu aktar fit-tul.

Fil-ġimgħat li għaddew l-aġenzija naddfet din iż-żona minn għadd ta' bastimenti żgħar li kienu tħallew mitluqin fuq il-mollijiet matul is-snin. Fostdawn kien hemm żewġ ilzuz (luzzu) u kajjik antiki li fuq pariri tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali ser jinżammu biex fil-futur jiġu restawrati.

It-tisbiħ ta' dawn il-mollijiet qed isir f'kollaborazzjoni mal-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, li se tkompli ssebbaħ il-prominad bi ġnien bil-bandli u b'bankijiet, dwal dekorattivi u installazzjonijiet oħrajn għall-kumdità tal-pubbliku. Il-Korporazzjoni qed tagħmel tisbiħ simili ukoll max-Xatt tal-Kalkara, quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' din il-lokalità.

Il-prominad ġdid ta' Sally Port jinfed ukoll mal-Waterfront tal-Birgu fuq in-naħa l-oħra ta' Forti Sant Anġlu, biex b'hekk joħloq rotta għall-mixi mill-isbaħ li tieħdok min-naħa ta' Bighi fil-Kalkara lejn il-marina tal-Birgu, l-inħawi tal-Baċir Numru 1 f'Bormla, u tul ix-xatt tal-Isla sa ħdejn Boiler Wharf, taħt Ġnien il-Gardjola. Ix-xogħlijiet kollha mistennija jkunu lesti kmieni s-sena d-dieħla.

Seduta 9

24/05/2022

**TRASPORT PUBBLIKU – ROTTA NRU 62 – WAQFA ĦESRI**

**676. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra għaliex nhar il-Ħamis 19 ta' Mejju r-rotta tat-Trasport Pubbliku numru 62 li sservi bejn is-Siġġiewi u l-Belt Valletta, il-waqfa 'Ħesri' ġiet maqbuża?

20/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanti li l-Awtorità ntalbet tivverifika l-fatti dwar dan l-ilment.
Seduta 9
24/05/2022

**TRASPORT PUBBLIKU – ROTTA NRU 62 – SERVIZZ MILL-BLATA L-BAJDA DIREZZJONI SIĠĠIEWI**

**677. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra għaliex nhar il-Ħamis 19 ta' Mejju r-rotta tat-Trasport Pubbliku numru 62, li sservi bejn is-Siġġiewi u l-Belt Valletta, m'għadda l-ebda servizz mill-Blata l-Bajda direzzjoni lejn is-Siġġiewi bejn l-16:35 p.m. u l-17:20 p.m.?

20/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninsab infurmat li bejn 16:35p.m. u 17:20p.m. kienu skedati li jgħaddu minn fuq il-bus stop Blata il-Bajda tliet vjaġġi hekk kif ġej

- 16:41p.m
- 17:01p.m.
- 17:21p.m.

Il-vjaġġ tal-16:41 wasal il-Belt Valletta tard u għaldaqstant il-vjaġġ ma laħħaqx mal-iskeda. Il-vjaġġ tal-17:01p.m. opera fil-17:21p.m. filwaqt li l-vjaġġ li kien skedat li jgħaddi fil-17:21p.m. għadda tmintax-il minuta tard.

Seduta 9
24/05/2022

**TRASPORT PUBBLIKU – ROTTA NRU 62**

**678. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra n-numru ta' istanzi mill-bidu tas-sena sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din id-domanda, meta s-servizz tat-Trasport Pubbliku Rotta nru 62 ma rrispettatx l-iskeda stabbilità?

20/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninsab infurmat li l-livell ta' affidabbiltà fuq ir-rotta 62 mill-bidu tas-sena sat-23 ta' Mejju 2022 kien kif muri fit-tabella sussegwenti:

| Xahar | Medja tal- Livell ta' Affidabilita` |
|---|---|
| Jannar | 98.43% |
| Frar | 99.37% |
| Marzu | 99.33% |
| April | 99.44% |

Mejju 99.47%

Infurmat ukoll li l-informazzjoni tiġi miġbura permezz ta' apparat tal-GPS li hemm fuq kull karozza tal-linja li topera fuq is-servizz tat-trasport pubbliku.

Seduta 9
24/05/2022

**ARTIFATT TAL-ISTORJA - PROĊEDURA**

**680. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra bil-proċedura li wieħed jista' jsegwi biex ikun jista' jakkwista jew iżomm għandu artifatt tal-istorja?

20/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni mitluba tinġabar.

Seduta 9
24/05/2022

**ENEMALTA – RAPPORT INTERN DWAR IL-WIND FARM FIL-MONTENEGRO**

**681. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'risposta għall-Mistoqsija Parlamentari 19043 tat-13-il Leġiżlatura, fil-15 ta' Frar 2021, il-Ministru kienet infurmat lill-Kamra li r-rapport intern li għamlet l-Enemalta dwar il-proċess tal-wind farm fil-Montenegro ġie mgħoddi lill-Pulizija, u għaldaqstant tista' issa l-Ministru tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dan ir-rapport?

20/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-Mistoqsija Parlamentari 19043 fit-13-il Leġiżlatura.

Seduta 9
24/05/2022

**ENEMALTA – RAPPORT INTERN DWAR IL-WIND FARM FIL-MONTENEGRO – INVESTIGAZZJONI TAL-PULIZIJA**

**682. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'risposta għall-Mistoqsija Parlamentari 19043 tat-13-il Leġiżlatura, fil-15 ta' Frar 2021 il-Ministru tal-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli kienet infurmat lill-Kamra li r-rapport intern li għamlet l-Enemalta dwar il-proċess tal-wind farm fil-Montenegro ġie mgħoddi lill-Pulizija u għaldaqstant jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra fiex waslet l-investigazzjoni tal-Pulizija?

20/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministru ma jkunx infurmat bl-investigazzjonijiet tal-Pulizija.

Seduta 9
24/05/2022